# ‘L-Għajnejn Tixtieq’: Il-Ħarsa Fallika tal-Poeti Rġiel lejn l-Oġġett Femminili

Immanuel MIFSUD, M.Ed.
*Department of Maltese, The University of Malta Junior College, Malta*
e-mail: immanuel.mifsud@um.edu.mt

**Astratt:** *Dan l-artiklu jiddiskuti l-mod kif il-poeti rġiel iħarsu lejn l-oġġett femminili fil-poeżiji tagħhom. L-eżempji merfugħin minn poeżiji miktubin fis-seklu għoxrin huma analizzati minn lenti femminista kif proposta fit-teorija ta' Laura Mulvey, teorija li addottat il-psikanaliżi Freudjana u Lacanjana biex tistudja ċ-ċinema klassiku. L-artiklu juri kif din it-teorija tista' tiġi applikata fl-analiżi letterarja biex juri kif fil-kitba tagħhom il-poeti rġiel jieħdu l-pożizzjoni ta' aġenti li jixħtu l-ħarsa fuq l-oġġett femminili. It-teorija tal-ħarsa maskili tiġi applikata biex jintwera kif f'xi poeżiji jissawwar proċess sħiħ ta' ħars li fih hemm parteċipi wkoll il-qarrej.*

**Keywords:** *Freud, Lacan, Mulvey, il-kritika femminista, il-ħarsa maskili, il-ħarsa fallika, il-fetix, il-voyeriżmu maskili, striptease*

## Daħla

Id-diskors dwar il-ġisem uman bħala sit diskursiv u pjan fejn jiġu nnegozjati r-relazzjonijiet tal-poter iddomina l-istudju ta' dixxiplini differenti fl-aħħar parti tas-seklu għoxrin. Il-psikanaliżi Freudjana u Lacanjana flimkien mal-istudji ta' Michel Foucault (l-aktar dawk direttament marbuta mal-ġisem uman)[1] kellhom effett kbir ħafna fuq l-istudji letterarji u l-kultura viżwali, partikolarment kif studjati mill-iskejjel femministi differenti u l-ħassieba gay u lesbjani. Għalkemm id-diskors dwar il-korporjetà għandu numru ta' temi differenti, is-sesswalità u l-erotiżmu huma fuq quddiemnett ta' din il-lista ta' temi. Kif tgħid Tiffany Atkinson fid-daħla għall-antoloġija ta' kitbiet dwar il-ġisem editjata minnha, il-kultura kontemporanja – dik li qegħdin ngħixu aħna – ‘tħobb tħares lejn il-ġisem’.[2] Biżżejjed wieħed isemmi n-numru kbir ta' ritratti ta' mudelli u nies prominenti, l-artikli fuq is-sbuħija u d-dieta, il-programmi televiżivi li b'xi mod jew ieħor jittrattaw il-ġisem uman; saħansitra programmi dwar il-kura, is-saħħa u l-iġjene. Il-ġisem uman sar paradigma minnu nnifsu u dan jixhdu wkoll in-numru kbir ta' studji f'dixxiplini differenti li jiddiskutu l-ġisem.

[1] M. Foucault, *Discipline and Punish*, New York, 1978; *History of Sexuality*, Vol. 1, New York, 1978.
[2] T. Atkinson (ed.), *The Body*, Hampshire u New York, 2005, p. 2.

Jidher li hemm rabta intima ħafna bejn dan il-ħars u l-għarfien jew ir-rieda għall-għarfien. Din ir-rabta m'hijiex waħda li twieldet dan l-aħħar.[3] Il-ħsieb Freudjan wera li l-bniedem għandu dan l-istint ta' kurżità (appuntu r-rieda għall-għarfien) li huwa mżewweġ mal-gost. F'wieħed mis-saġġi l-aktar importanti tiegħu, Freud jintroduċi l-kunċett ta' l-iskopofelija, il-gost fil-ħars, li jibda l-iżvilupp tiegħu fit-tfulija. F'dan is-saġġ – 'Dwar l-Abberrazzjonijiet Sesswali' – Freud jikkummenta li l-impressjonijiet viżwali jwasslu għall-eċċitament/zzjoni libidinali. Il-fatt li l-proċess ta' ċivilizzazzjoni rrikjeda li l-ġisem jinsatar qajjem fil-bniedem il-kurżità sesswali. Din il-kurżità titlob li tikkompleta l-oġġett sesswali billi tikxef il-partijiet mgħottija. Freud ikompli billi jintroduċi l-idea li din il-kurżità tista' tiġi ddevjata (issublimizzata) kemm-il darba dan l-interess jintwera fuq il-ġisem kollu kemm hu u mhux fuq il-ġenitali moħbija biss.[4] L-istint għall-għarfien – li jimmotiva l-iskopofelija – huwa, skond Freud, marbut intrinsikament mas-sesswalità tat-tfal.[5] Dan ifakkarna f'dik

> il-ħarsa mistħija ta' ħuti mneżżgħa
> quddiem il-friskatur

li Mario Azzopardi kiteb dwarha f''Demgħat tas-Silġ'. Din hija l-ħarsa tal-kurżità u ta' l-iskoperta, il-ħarsa tal-kixfa ta' dak li huwa (li kien) mgħotti. Fil-'mistħija' li tikkaratterizza l-ħarsa hemm ukoll l-impulsi sesswali, l-enerġiji libidinali li aktar 'il quddiem għad jiġu indirizzati lejn oġġetti sesswali oħrajn.

Il-ħarsa lejn il-ġisem hija wkoll marbuta ma' l-identità. Kien Lacan li ppromwova dan il-ħsieb, l-aktar fit-teorija tiegħu tal-fażi tal-mera. Skond Lacan, meta tarbija jkollha bejn sitt xhur u sena u nofs tintebaħ bix-xbieha tagħha fil-mera u tagħraf lilha nfisha f'dik ix-xbieha. Dan l-għarfien iqanqal fit-tarbija dak li Lacan sejjaħlu 'dinamiżmu libidinali' għaliex fix-xbieha tagħha t-tarbija tara lilha nfisha bħala xi ħaġa kompleta, sħiħa, fi stadju ta' ħajjitha meta għad m'għandhiex setgħa fuq it-tħaddim ta' ġisimha.[6] Fi kliem ieħor, it-tarbija tagħraf lilha nfisha fix-xbieha tal-mera, xbieha li hija differenti mill-ġisem 'veru' tagħha għaliex hija kompleta u kontrollabbli, meta l-esperjenza li t-tarbija għandha fuq ġisimha hija l-kuntrarju. It-tarbija tidentifika dik ix-xbieha bħala l-innifsi, jew il-Jien-Ideali tagħha.

---

[3] P. Willemen, 'For a Pornoscope', f'P. Church Gibson (ed.), *More Dirty Looks: Gender, Pornography, and Power*, (2ni edizzjoni), Londra, 2004, p. 8.
[4] S. Freud, 'Three Essays on the Theory of Sexuality and Other Works' f'*On Sexuality*, Vol. 7, Londra, 1905 (1977), p. 69.
[5] Ibid., pp. 112–13.
[6] J. Lacan, 'The Mirror Stage as Formative of the Function of the *I* as Revealed in Psychoanalytic Experience' f'*Écrits*, Londra u New York, 1989 (1966), pp. 1–8.

**Il-kultura viżwali ta' Laura Mulvey**

It-teoriji ta' Freud u Lacan jiffurmaw il-bażi ta' teoriji oħrajn, ħafna drabi mill-kamp femminista, li tħaddmu fil-kultura viżwali. Fl-1975 l-istudjuża taċ-ċinema Laura Mulvey ppubblikat artiklu fuq *Screen* li kellu jibdel ir-rotta tal-istudji tal-arti. Minkejja li għaddew aktar minn tletin sena minn mindu ġie ppubblikat, 'Visual Pleasure and Narrative Cinema'[7] għadu punt ta' referenza għall-istudjużi ta' dixxiplini differenti, tant li Mulvey hija referenza awtomatika f'kull pubblikazzjoni akkademika li tistudja l-ġisem u l-ħarsa. Mulvey tiftaħ l-artiklu influwenti tagħha bil-premessa li dak li jintwera huwa ankrat mal-forom soċjali li jiffurmaw lill-individwu. Hija targumenta li l-interpretazzjoni li tintwera fuq il-liżar taċ-ċinema tirrifletti d-differenzi soċjali, li wara kollox jifformulaw ix-xbihat u l-ħars erotiku trasmess fuq il-liżar. Id-differenzi soċjali li Mulvey qiegħda tirreferi għalihom hawnhekk huma dawk bejn is-sessi. Għalhekk Mulvey taddotta l-ħsieb Freudjan biex tikkummenta dwar kif iċ-ċinema joħloq żbilanċ bejn min qiegħed iħares u min qiegħed jidher. Hija tqis l-iskopofelija bħala proċess attiv li fih l-aġent li jħares jirrendi lin-nies l-oħra li qiegħed iħares lejhom bħala l-oġġett sesswali, u b'hekk il-ħarsa m'għandhiex titqies bħala waħda ta' kurżità sempliċi iżda wkoll bħala ħarsa li tikkontrolla. B'riħet hekk, iċ-ċinema jissodisfa dik li Mulvey ssejħilha x-xewqa primordjali għall-gost permezz tal-ħars: l-użu tal-Ieħor bħala oġġett, bħala stimulu sesswali rreġistrat bl-għajn. Mill-ħsieb Lacanjan hija interessata ħafna fil-mod kif l-iżvilupp tal-jien jistrieħ fuq l-identifikazzjoni ma' xbieha riflessa.

Xi proċessi jissawru meta spettatur iħares lejn ix-xbieha fuq il-liżar taċ-ċinema? Liema relazzjonijiet jiġu stabbiliti bejn iż-żewġ naħat opposti taċ-ċine? Qabel xejn, il-premessa ta' Mulvey hija li minħabba li dak li jintwera f'film huwa ankrat mal-qagħdiet soċjali, xogħol ċinematografiku se jirrifletti r-relazzjonijiet li dawn il-qagħdiet isawru. Mulvey hija konvinta li l-ordni soċjali huwa organizzat fuq 'żbilanċ sesswali', fejn il-maskili jitqies bħala attiv u l-femminil jitqies bħala passiv.[8] Minn tipi ta' spettakli differenti li ssemmi Mulvey, bħall-i*striptease* u l-istampi, joħroġ li l-mara tokkupa rwol ta' oġġett li joħloq 'impatt erotiku'; il-mara ssir xbieha filwaqt li r-raġel (l-aġent attiv) jieħu r-rwol ta' dak li jħares. Allura l-mara ġġorr magħha 'ir-rwol tradizzjonali esibizzjonista' li jesebixxiha u jagħtiha konnotazzjoni ta' *xi-ħaġa-magħmula-għall-wiri* ('to-be-looked-at-ness).[9] Il-ħarsa maskili hija ħarsa li tikkontrolla lill-mara li, min-naħa tagħha, bħala oġġett sesswali li joffri spettaklu erotiku, tiġbed fuqha din il-ħarsa u tissodisfa l-ħajra maskili.

---

[7] L. Mulvey, 'Visual Pleasure and Narrative Cinema' (1975), f' *Visual and Other Pleasures*, Londra, 1989.

[8] Din l-idea tfakkarna fil-ħsieb binarju patrijarkali, kunċett promoss minn Hélène Cixous. Ara H. Cixous u C. Clément, *La Jeune Née*, Pariġi, 1975.

[9] Mulvey, p. 19.

It-teorija ta' Freud u dik ta' Lacan jitlaqqgħu meta Mulvey tindika li ċ-ċinema jaqdi lill-ispettatur f'żewġ modi: joffrilu lill-mara bħala oġġett sesswali għas-sodisfazzjoni tal-istint skopofeliku u joffrilu opportunità biex jidentifika ruħu mal-protagonist maskili tal-film. Filwaqt li dan il-protagonist ma joffrix il-gost erotiku, joffri dak li Lacan sejjaħlu l-Jien-Ideali li miegħu l-ispettatur jista' jidentifika ruħu. Irridu ngħidu wkoll li dak li qiegħda tgħid Mulvey jwassal għall-konklużjoni li l-mara hija oġġett sesswali doppju: qiegħda tissodisfa l-ħarsa tal-persunaġġi l-oħrajn tal-film u wkoll il-ħarsa tal-ispettatur, li min-naħa tiegħu qiegħed igawdi gost doppju permezz tal-ħarsa u l-identifikazzjoni.

Hemm imbagħad l-aħħar punt ta' din it-teorija, li wkoll joħroġ mill-ħsieb Freudjan. Ix-xbieha femminili toffri theddida lill-ispettatur u l-persunaġġ maskili minħabba l-kumpless tal-kastrazzjoni.[10] Mulvey targumenta li l-figura femminili, esebita għall-iskop skopofeliku ta' l-irġiel bħala l-aġenti tal-ħarsa, terġa' tqajjem dik l-ansjetà li Freud itteorizza meta tkellem dwar l-iżvilupp tas-subien. Għaldaqstant, tkompli Mulvey, l-ispettatur (maskili) għandu żewġ għażliet x'jagħmel biex iraqqad din l-ansjetà tal-kastrazzjoni: jew li jikkastiga lill-mara jew inkella jibdilha f'fetix (*fetish*) biex b'hekk titlef il-qawwa li biha tista' 'tipperikola' s-setgħa tar-raġel.[11] Il-fetix isawwar il-ġmiel fiżiku, filwaqt li l-kastig jassigura li l-poter aħħari jibqa' tar-raġel.

Tul dawn l-aħħar tletin sena, din it-teorija ġiet użata u kkritikata, l-aktar minn skulari femministi ta' xejriet differenti minn dawk ta' Mulvey. Il-punt l-aktar debboli fit-teorija ta' Mulvey huwa li hija titkellem biss dwar l-ispettatur raġel. F'artiklu li kitbet xi snin wara 'Visual Pleasure and Narrative Cinema', Mulvey ppruvat tindirizza din il-kritika billi tteorizzat li l-ħarsa femminili titlob mill-ispettatriċi sforz transesswali li bih taddotta perspettiva essenzjalment maskili.[12] Imbagħad kien hemm studjużi femministi oħrajn, bħal Mary Ann Doane[13] li impenjaw irwieħhom aktar dwar il-ħarsa tal-mara, iżda dawn it-teoriji jmorru lilhinn mis-suġġett ta' dan l-artiklu u allura m'jiniex se nittrattahom.

## Il-ħarsa tal-poeta raġel lejn il-mara

Minnu li Laura Mulvey tkellmet dwar ir-relazzjoni bejn is-suġġett u l-oġġett tal-ħarsa fil-kuntest taċ-ċinema, l-istess kif għamlu studjużi oħrajn bħal Linda Nochlin u Griselda Pollock fil-qasam tal-arti plastika.[14] L-għan ta' dan l-aritklu huwa li l-

[10] S. Freud, 'The Dissolution of the Oedipus Complex' f'*On Sexuality*, Vol. 7, Londra, 1924 (1977).
[11] Mulvey, p. 21.
[12] L. Mulvey, 'Afterthoughts on "Visual Pleasure and Narrative Cinema", inspired by King Vidor's Duel in the Sun' (1981), f' *Visual and Other Pleasures*, Londra, 1989.
[13] M.A. Doane, 'Film and the Masquerade: Theorising the Female Spectator' (1982), f'*Femmes Fatales: Feminism, Film Theory, Psychoanalysis*, Londra, 1991.
[14] Ara L. Nochlin, *Bathers, Bodies, Beauty: The Visceral Eye*, Cambridge (MA), 2006, u G. Pollock, *Vision and Difference: Feminism, Femininity and Histories of Art*, Londra, 1988, 2003.

istess teorija tiġi addottata għall-poeżija. L-istess bħall-pittur u dak li jinsab wara l-kamera jiġbed il-film, il-poeta qiegħed iħares u fl-istess waqt jiġbed il-ħarsa tal-qarrej lejn l-istess oġġett li jaqa' taħt l-iskrutinju tiegħu. Anki jekk il-ħarsa tal-qarrej tista' twassal għal impressjonijiet diversi, l-oġġett li jiġbed l-attenzjoni tiegħu huwa l-oġġett li jħares lejh il-poeta li, min-naħa tiegħu, minbarra li jara, juri lill-qarrejja. Allura, meta nittrattaw poeżija rridu nifhmu li qegħdin nitkellmu fuq żewġ ħarsiet: dik tal-poeta u dik tal-qarrejja; it-tieni, ovvjamet, iddeterminata mill-ewwel waħda. Mingħajr il-ħarsa tal-poeta, il-qarrej ma jara xejn. Hemm drabi meta l-ħarsa tal-poeta tinħeba, tidher biss bil-fatt li l-qarrejja jispiċċaw iħarsu lejn l-oġġett li jikteb dwaru l-poeta. Iżda hemm drabi oħrajn meta l-ħarsa tal-poeta hija waħda mikxufa, u dan jiġri meta l-poeta jagħmilha evidenti ħafna li qiegħed iħares billi jirreferi għall-ħarsa tiegħu stess. Ngħidu aħna fil-poeżija 'Mirjana' Anton Buttigieg iwassal lill-qarrej biex iħares lejn din il-mara li huwa juri permezz tad-deskrizzjoni, tar-ritratt li jippreżenta:

> B'wiċċ ħamrani tond, xagħarha iswed tuta
> jinżel madwaru, għajnejn kbar sewdiena
> b'xagħar iswed twil, imnieħer żgħir, u x-xoffa
> t'isfel maħruġa,
>
> Liebsa qmejsa tawwala minn fuq s'isfel
> mehmuża b'faxxa, li sidirha tqabbeż,
> u tikxef par dirgħajn somor, mibruma,
> u saqajn ħafja.

Drabi oħrajn fir-ritratt jidher il-poeta nnifsu li qiegħed iħares, bħalma jiġri f''Phthisis' ta' Karmenu Vassallo:

> Rajtek żagħżugħa, sidrek mimli, wiċċek
> mixgħul, aħmar bħan-nar;
> xagħ'rek imewweġ sfiq, bejn iswed w isfar;
> għajnejk ileqqu kbar.

Eżempju tajjeb ta' kif jaħdem il-ħars fil-poeżija nsibuh fil-poeżija 'Rmied' ta' Dun Karm. L-oġġett tal-ħarsa huwa tfajla li qiegħda tisma' quddiesa nhar Ras ir-Randan, meta l-fidili jersqu lejn il-qassis u dan iroxxilhom l-irmied fuq rashom. Fl-ewwel parti tal-poeżija hemm tnejn min-nies li qegħdin iħarsu lejn din it-tfajla, iċ-ċelebrant u l-poeta:

> Kienet sabiħa, u rajtha tniżżel rasha
> quddiem is-saċerdot. Bħal-lejl kien iswed
> l-istar fuq ġbinha, u l-ħlewwa ta' ħarsitha
> qatt ma refgħet mill-art, anqas idejha
> ma ħallet minn xulxin.

> Magħluq fi ħsiebu
> għamel salib bir-rmied fuq ras ix-xebba
> il-bniedem t'Alla u: 'Ftakar,' lissen, 'mara,
> li inti trab u tarġa' trab.'

It-tfajla m'għandha ebda idea li qiegħda tiġi skrutinizzata. Il-poeta jħarsilha u qabel ma jagħtina idea tal-ġabra spiritwali tagħha jirreferina għall-ġmiel fiżiku tagħha ('kienet sabiħa'). Dan il-kumment fil-bidu nett tal-poeżija jiddetermina l-ħarsa tal-qarrej: il-qarrej se jħares lejn mara sabiħa. Hawnhekk, mela nsibu l-ħarsa tal-poeta u l-ħarsa tal-qarrej, iż-żewġ ħarsiet li diġà tkellimna dwarhom. Iżda tfiġġ ukoll it-tielet ħarsa: tal-qassis li qiegħed iroxx l-irmied, li wkoll, għalkemm 'magħluq fi ħsiebu' qiegħed iħares lejn din it-tfajla. L-aħħar strofa tal-poeżija wkoll titkellem fuq il-ħarsa:

> Miġbura
> f'dik it-twissija, ħarġet qajla qajla
> mill-knisja x-xebba u ma xerrdetx ħarsitha
> mat-triq hi u għaddejja. Bosta fuqha
> għajnejn intefgħu u mxew magħha; bosta
> qlub ħabbtu mgħaġġel bħalma kien imgħaġġel
> id-daqq tal-passi tagħha; u meta wrajha
> ingħalaq bieb li ħbieha minn kull ħarsa,
> baqgħet l-għajnejn tixtieq u l-qlub titniehed.

Min huma dawn il-'bosta' li tefgħu għajnejhom fuq din ix-xebba sabiħa? Fejn kienu? Setgħu kienu l-irġiel li bħal Dun Karm kienu qegħdin il-knisja u minn xi rokna qagħdu jgawdu x-xbieha ta' din it-tfajla, jissodisfaw l-impulsi libidinali, il-ħajra għas-sess li Dun Karm jimmetaforizzaha bi 'qlub iħabbtu mgħaġġel' u b''l-għajnejn tixtieq'. Il-ħarsa essenzjalment fallika ta' numru ta' rġiel li qegħdin iħarsu lejn il-ġmiel ta' din it-tfajla.[15] Jew inkella, dawn il-bosta jinkludu wkoll il-qarrejja li, bħalma targumenta Mulvey, jidentifikaw irwieħhom mal-persunaġġi, ma' Dun Karm bħala l-poeta, bħala r-raġel li qiegħed juri dan kollu. Huwa tassew interessanti li ninnutaw kif it-tfajla ma tħarisx lura lejn min qiegħed iħares lejha; anzi, lanqas biss taf li hemm bosta, fosthom żewġ qassisin, li qegħdin iħarsu lejha. U, terġa', Dun Karm jispeċifika li t-tfajla qatt ma terfa' ħarsitha mill-art u meta toħroġ fit-triq, fejn allura m'huwiex mitlub minnha li tkun fil-ġabra, tibqa' ma tħares imkien. Il-ħarsa, bħalma argumentat Mulvey, hija l-prerogattiva tar-raġel u l-mara qiegħda hemm biex tidher.

[15] Dwar il-ħarsa fallika, inkluża l-ħarsa fil-letteratura, ara pereżempju, P. Brooks, *Body Work: Objects of Desire in Modern Narrative*, Cambridge (MA), 1993.

Ħalli nieħdu eżempju ieħor biex nillustraw l-argument li ftaħna dan l-artiklu bih. Fil-poeżija 'In-Nies tal-Vagun' Albert Marshall jeħodna fuq vjaġġ bil-ferrovija lejn ix-xogħol. L-istess bħal fi 'Rmied' titfaċċa tfajla mdawra minn numru ta' rġiel fosthom il-poeta:

ta' ħdejja mara
sabiħa eleganti mezz'età
liebsa qasir ħafna u fwieħa sottili
u bagalja tal-ġild tal-irġiel
aktar bħala espressjoni anti-sessista
milli għall-użu ... immissha ħafif
mar-ritmu tal-vagun

kulħadd għattaparsi jaqra
wiċċi fil-ħġieġa
ir-riflessjoni ta' dak li liebes l-uniformi tal-poter
ir-re ubù
il-mara li tfuħ
kollha nilagħbu noli logoċentriku
għar-ritmu tal-vagun

l-għajnejn kalamiti
il-ħars dirett polaritajiet opposti
libido mistur fl-irkejjen mudlama tan-normi soċjali
erotika li żżabbab taħbitha
waħd'iva waħda le
mar-ritmu tal-vagun

Il-mara, għal darba oħra, hija sabiħa. Albert Marshall, bħal Dun Karm, qiegħed iħares lejha. Anki hawn, aħna l-qarrejja rridu u ma rridux, qegħdin inħarsu lejha wkoll. Nafu x'inhi liebsa, nafu x'inhi ġġorr, nafu li tfuħ. Ma' Albert Marshall u din il-mara hemm nies oħrajn li bħalna qegħdin iħarsulha. L-element tal-voyeriżmu (il-poeta li jħares minn ġol-ħġieġa mnejn jista' jara x-xbieha tal-mara u l-bqija taparsi jaqraw u, preżumibbilment, qegħdin inemmsu minn wara l-gazzetti) jidher fl-aqwa tiegħu. Il-mara tinbidel f'oġġett ta' ħarsa fallika li, l-istess bħalma jimplika Dun Karm fi 'Rmied', tqajjem il-kurżità sesswali, issaħħan il-libido ta' min qiegħed iħares. Jista' jkun li l-mara fil-vagun m'hijiex innoċenti daqs il-mara fil-knisja (l-ilbies qasir huwa sinifikatur importanti f'dan ir-rigward), iżda bħat-tfajla tal-irmied fuq rasha, taqdi r-rwol esibizzjonista li l-ħarsa maskili, fallika, tradizzjonalment tixħet fuq il-mara.

Dan ir-rwol jidher ukoll fil-ħars provokanti jew fir-reazzjoni tal-mara għall-ħars tar-raġel. Mario Azzopardi, fil-poeżija tiegħu 'Ritratti Quddiem il-Caffè Premiere' jitkellem fuq din it-tfajla li:

xuxtha taqa' quddiem għajnejha
w hi ttellagħha bil-lajma l-lajma
għax taf li qed inħares lejha.

L-interpretazzjoni maskili tal-ġest tal-mara jikkorobora ma' dak li Mulvey tgħid fuq il-kwalità fetixista tal-ħarsa maskili. Ir-raġel, dak li bil-ħarsa tiegħu jimponi s-sinjali tiegħu fuq il-ġisem femminili, jimponi x-xewqat ripressi tiegħu fuq il-figura tal-mara. Hekk tkompli tgħid l-istess poeżija:

esibizzjoni ta' saqajn kontinentali
katalgu ta' nofs ilbies
kuruna ta' xewqat jaħarqu
daqs l-espressi fil-kikkri.

Mela l-mara mhux biss tiġi kkontrollata bl-għajn fallika tal-poeta, imma ssir fetix, l-oġġett li 'minnu nnifsu' jikkonota esibizzjoni; il-fetixizzazzjoni tal-mara. L-istess attitudni nsibuha fil-poe-proża 'Ittra lil Mario Azzopardi – Poeta tat-Tikek – li Tista' Titqies Bħala Propaganda Sottili':

Aktar qribi hawn minsuba weħidha tfajla b'nofs dublett u l-bqija. Għandha ħarsa seduttiva ħafna. Għalkemm illum jien immaturajt ġmieli ma nistax naqla' għajnejja minn fuqha. Iżda ħallina minn dan.

F'eku għar-ritratt li Mario Azzopardi jiġbed fil-Caffè Premiere insibu l-poeżija ta' Victor Fenech 'Ritratt I', li jinġibed fl-istess post:

Is-Sajf is-Sibt fil-għodu l-Cafè Premier
taħt umbrella taċ-Cinzano.

Mhux is-sema ikħal nir u rrakkmat tajjar,
mhux Vittorja xwejħa ġwejda ħarstha l-paċi,
mhux tal-banda militari l-eku jnin,
mhux il-valz fuq il-ġwienaħ tal-ħamiem –
l-isbaħ dehra ta' dalgħodu, ir-riġlejn
somor u twal ta' turista Skandinava.

Kwarta tikteb kartolina;
meta ntebħet b'ħarst l-irġiel
damet siegħa ssoff Solera.[16]

Bħal Victor Fenech, f''żunżan' Achille Mizzi jieħu t-tfajla Nordika bħala l-oġġett tal-ħarsa tiegħu u l-istess bħalma rajna f'dawn l-eżempji jibdilha f'oġġett sesswali:

---

[16] Innota li anki hawnhekk, bħal fil-każ tal-poeżija ta' Albert Marshall u ta' Mario Azzopardi, jerġa' jintuża l-ilbies qasir bħala sinifikatur sesswali.

Dan żunżan
jew vjolinċell ta' Pablo Casals,
qed jingħi t-tnaħniħa
tat-tlieta ta' wara nofsinhar titbaskat
fuq ġisem svediża midluka
bl-*ambra solaire*
fir-ramel ta' l-Armier?

***Striptease***

It-tfajliet Nordiċi sdrajjati fuq ir-ramel jikwi Malti kienu oġġett favorit tal-ħarsa tal-poeti rġiel Maltin. Mhux huma biss, iżda. Jekk hemm ritwal fejn il-ħarsa fallika se tkun qiegħda tgawdi l-aktar x'aktarx li huwa r-ritwal ta' l-i*striptease*. Bħala suġġett, l-i*striptease* jidher f'numru konsiderevoli ta' poeżiji Maltin li, kif wieħed jista' jippreżumi, inkitbu fit-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Hawnhekk l-oġġett, jiġifieri l-mara, huwa għal kollox disponibbli għall-ħarsa libidinali. Il-ħarsa tar-raġel m'hijiex issir bil-moħbi jew b'mod diskret. Hemm, biex ngħidu hekk, kuntratt, ftehim bejn is-suġġett u l-oġġett, li jagħti l-liċenzja tal-ħars lir-raġel u r-rwol ta' esebit lill-mara.

Madankollu, interessanti li wieħed jinnota li l-i*striptease*, pjaċevoli kemm hu pjaċevoli għall-poeta li qiegħed iħares, iġib miegħu sentimenti ta' ħtija u ta' kundanna. Victor Fenech jitkellem fuq l-i*striptease* f'aktar minn poeżija waħda. F''Soho '67' ix-xena tal-mara li qiegħda tneħħi ħwejjiġha hija kontrappuntata ma' xenarji u ritwali reliġjużi:

fuq ix-xmara mqaddsa ganges
isqra jiddevoraw ġisem tarbija
tistenna t-twelid ġdid

hawnhekk, fid-dalma tal-kantina,
isqra oħra jiflu xbejba tinża'
mad-daqq tal-pop

x'jimporta li trab laħamha?
bħalissa kull xiber jitkejjel
bl-imwieżen tad-deheb

o dinja maħnuqa
bil-għajta tal-laħam!
soho mhux ruma
las vegas mhux mekka
st. tropez mhux ġerusalemm
il-pigalle u r-reeperbahn
huma l-imqades
tas-seklu għoxrin!
.................................
(sodom u gomorra ...
u aktar tard pompeii ...
serduk jidden 3 darbiet!)

Il-poeta jdawwar lill-qarrejja fid-distretti tad-dawl l-aħmar f'Hamburg, Parigi, Londra u fi bliet oħrajn u dan it-*tour* jikkuntrasta mal-bliet sagri li jissemmew fl-istess nifs. Waqt li l-qarrej qiegħed iħares lejn din l-i*stripper*, għandu lill-poeta jinfilsalu bil-mod il-mod is-sens tad-dnub, l-aktar bir-referenza għal Sodom u Gomorra u għal Pompej. It-tliet postijiet spiċċaw ħażin ħafna għax kienu postijiet taż-żina, l-ekwivalenti taċ-ċentri ħomor li jsemmi l-poeta. Madankollu, il-ħtija tad-dnub ma jidhirx li qiegħed iġorrha kulħadd l-istess. Il-ġisem ta' din l-istripper jiġbed il-ħarsa tal-irġiel li daħlu fl-i*strip joint* u tal-poeta li jħares lejhom ukoll, kif fil-fatt nagħmlu aħna l-qarrejja. Minn dawn l-iġsma kollha, iżda, huwa l-ġisem tal-i*stripper* li, ifakkarna l-poeta, se jsir trab. L-i*stripper* tieħu l-kastig tagħha, mhux talli kixfet ġisimha, imma talli kienet ta' theddida għar-raġel. L-idea tat-theddida tinstab fil-poeżija-*strip* ta' Achille Mizzi 'Lola'. Hawnhekk, ir-raġel mhux biss jieħu gost iħares lejn il-ġisem jinkixef, imma, malli dan jinkixef kollu, jibża' mill-mara li minn *stripper* tinbidel f'*femme fatale*:

Meta jitbaxxa d-dawl ...
u jibda r-ritwal maskil
tissokta l-logħba li lagħbu
Toulouse Lautrec u Baudelaire ...
tibda l-ġlieda għat-takkalja,
trofew fetixista.
Lola toħroġ fuq palk timmolla l-poppa
fuq it-takkuna biż-żeglig t'artista
enfasizzata bl-isbaħ rix ta' l-ostriċ.
Meta jitbaxxa d-dawl ...
Intasab bejn il-kwinti
biex l-infra red tiffoka
fuq wiċċ l-irġiel mikluba ġol-platea.
ħarira ta' xlief torbot imrażżna
il-lupa tas-sess imbergħna.
Isma' t-tnabar ta' żimbabwe
ifakkru fit-theddida tal-ħaqq tat-tribù.

Min sa jsibu ġild il-ħaruf tad-deheb
minxur mal-frieghi tal-ġenna?

'Lola xi trid?'
'Irrid bħas-soltu ras vittma
maħsuda fuq baċil,
bla kompromess.'

Anki hawnhekk għandna r-referenzi reliġjużi mxellin ma' dawk dwar l-i*strip*. Dan l-istrip, iżda, għandu vittma u din il-vittma m'hijiex il-mara li taqdi r-rwol ta' oġġett għall-wiri daqs kemm huma dawk l-irġiel li qegħdin iħarsu. Hija din it-

theddida tal-kastrazzjoni li titkellem dwarha Mulvey fit-teorija tagħha u li minħabba fiha l-ħarsa maskili tiffetixizza jew tikkundanna 'l-oġġett għall-wiri. Toulouse Lautrec u Baudelaire kienu t-tnejn klijenti notorji tal-briedel Pariġini u t-tnejn vittmi tal-ħajja boema tagħhom u t-tnejn morda bil-mard kontaġġjuż tas-sess man-nisa 'maħmuġin'.[17]

L-ambjent tal-i*strip* m'għandux wisq klassi assoċjata miegħu, tneħħi forsi fil-poeżija 'Ou' Est Vincent?' ta' Victor Fenech. Isseħħ f'liema post isseħħ, l-attività minnha nfisha, filwaqt li tiġbed l-attenzjoni tal-ħarsa fallika, titqies bħala attività maħmuġa. Mario Azzopardi jitkellem fuq *strip* 'privat' fil-poeżija 'Berlin', fejn naraw lil Anita, ballerina, li tiġi mħajra tinża' għal dawk preżenti 'sakemm isir il-kafè'. Anita mhux talli lesta tesebixxi ġisimha fl-i*strip* improvizzat, imma saħansitra tispiċċa timmasturba malli ssaffar l-istanjata. Hemm ċerta arja ta' każwalità fil-mod kif iseħħ dan kollu, li tagħti ċerta impressjoni ta' xiħaġa, jew aħjar xiħadd, li huwa rħis. Il-mara tiġi fetixizzata, u b'hekk it-theddida ta' kastrazzjoni tissolva.

Wara kollox, anki Barthes, fis-saġġ tiegħu dwar l-i*striptease*, jargumenta li wara li l-i*stripper* tneħħi kollox minn fuqha tispiċċa desesswalizzata.[18]

**Għeluq**

Il-kultura viżwali tista' toffri għodda effiċjenti biex inħarsu lejn il-letteratura minn perspettivi differenti. Wieħed jista' joġġezzjona billi jirrimarka li l-kultura viżwali u l-letteratura huma żewġ dixxiplini totalment differenti minn xulxin. F'era fejn l-akkademja hija dejjem aktar ikkaratterizzata mill-multi-dixxiplinarjetà, l-istudju tal-letteratura jieħu dimensjoni oħra meta dak li jkun jersaq lejh minn toroq xi ftit imbiegħda. It-teorija ta' Laura Mulvey, minkejja l-kontestazzjoni li ffaċċjat, baqgħet referenza awtomatika għal dawk li, għal raġunijiet differenti, qegħdin jistudjaw il-ġisem u l-ħarsa lejh. F'dan l-artiklu ppruvajt nuri li l-poeżija, anki jekk minnha nfisha m'hijiex dixxiplina plastika, għandha fiha element viżiv qawwi. Id-dettall li jagħti l-poeta jisseduċi lill-qarrej biex iħares u b'hekk, f'ħafna poeżiji, il-qarrej isib ruħu parteċipi f'din il-logħba ta' poter bejn is-suġġett u l-oġġett. Il-poeżija tista' tkun eżerċizzju seduttiv biex il-qarrej jieħu r-rwol ta' *voyer* li jsegwi l-ħarsa tal-poeta. Hemm każi fejn il-poeta tant huwa ċar fid-dettall li jagħti, li donnok tħossu jħares lejk bi tbissima hu u jiċċekkja intix tħares lejn l-oġġett li qiegħed jurik.

Hemm nuqqas ovvju f'dan l-artiklu: il-ħarsa femminili, kemm dik tal-qarrejja kif ukoll tal-kittieba. Din il-ħarsa, iżda, titlob studju separat.

---

[17] Ara wkoll il-poeżija 'Ou' Est Vincent?', ta' Victor Fenech, li titkellem dwar *striptease* li għaddej fil-Moulin Rouge, l-aktar lokal magħruf għall-i*striptease*. Anki f'din il-poeżija jissemma Toulouse Lautrec u miegħu Van Gogh, artist ieħor li wkoll kellu konnessjoni mal-prostituti.

[18] R. Barthes, 'Striptease' f'*Mythologies*, Pariġi, 1957.